# Il-Pittur Carmelo Spiteri (1913-1993)

Jikteb Alfred Camilleri

Jekk wieħed jidħol fl-uffiċċju tas-segretarju ġewwa l-każin tal-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Żurrieq żgur li tolqtu pittura mdaqqsa li turi l-istatwa artistika u devota tal-Madonna tal-Karmnu meqjuma fil-Knisja Arċipretali taż-Żurrieq. Kopja fidila għall-aħħar ta' din ix-xbieha u li tidher magħmula b'dedikazzjoni kbira.



Il-Pittur Carmelo Spiteri.

Din il-pittura kienet ingħatat bħala rigal lis-Soċjetà minn missieri, Emanuel Camilleri, nhar is-Sibt 21 ta' Lulju 1984, lejlet il-festa tal-Madonna tal-Karmnu waqt il-programm mużikali li kien qed jittella' mill-Banda Queen Victoria A.D. 1865. Għadni niftakar fuq il-planċier lill-President ta' dak iż-żmien, il-mibki Vincent Micallef, kburi biha jgħolliha 'l fuq biex taraha l-udjenza preżenti. B'dan il-ġest missieri xtaq jirringrazzja lill-membri u lill-partitarji għall-fiduċja li dejjem urew fih tul il-ħamsa u għoxrin sena li kien ilu jservi bħala segretarju (1959 - 1984). Tajjeb ngħid li dik is-sena missieri u l-mibki s-Surmast Emanuel Bugeja, it-tnejn kienu qegħdin ifakkru l-ġublew tal-fidda tal-karigi rispettivi tagħhom u ftit jiem qabel, l-Erbgħa 18 ta' Lulju, kienet saret ċelebrazzjoni kbira biex jitfakkar dan il-ġublew sinifikanti. Dan il-ġublew ħafna kienu laqqmuh *'il-ġublew taż-żewġ Manwelijiet'* tant li s-Surmast Bugeja kien ikkompona marċ brijuż għal dik l-okkażjoni li semmieh *'Manuels' Anniversary'*.



Il-Pittura tal-Madonna tal-Karmnu rregalata lill-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Żurrieq mill-eks Segretarju Emanuel Camilleri.

Din is-sena, billi rnexxieli nsib xi tagħrif interessanti dwar l-awtur ta' din il-biċċa xogħol, għażilt li nikteb dwaru u dwar din il-pittura li kien irregala missieri. Fil-fatt l-artist tagħha ma kien ħadd ħlief is-Sur Carmelo Spiteri, jew aħjar *Kammu l-Pittur*, tal-Isla. Niftakarni ninżlu għandu miż-Żurrieq biex missieri jitkellem miegħu fuq din il-kummissjoni imma billi kien għad għandi biss disa' snin, it-tifkiriet huma kemxejn imċajpra. Niftakar li ġieli nżilna għandu ma' Joe Cutajar *tax-Xiħa* li kien għadu kemm ġie lura mill-Kanada fejn kien jgħix. L-*istudio* ta' Spiteri u li jiena niftakarni niffrekwenta, kien ħanut f'rokna fi *Pjazza l-4 ta' Settembru* fejn hemm il-venda tal-linja. Illum dan il-ħanut huwa *confectionary/grocer* bl-isem *Cosy Corner*.

Carmelo Spiteri twieled l-Isla fl-10 ta' Awwissu 1913 minn Carmelo u Carmela mwielda Refalo. Ġie mgħammed l-għada, flimkien ma' Ġużeppi (ħuh it-tewmi), mill-Kan. Dun Ġużepp Spiteri, fil-Kolleġġjata tal-Isla.

Kien impjegat bħala *sign painter* fit-Tarzna u kien ukoll membru attiv fis-Soċjetà tal-MUSEUM.

Bħala pittur kien rinomat għall-imitazzjoni ta' kwadri ta' artisti kbar waqt li ħafna għadhom isemmuh ukoll għall-ħila kbira li kellu għall-pittura bil-paletta.



San Eliżew - Pittura ta' waħda mill-bandalori li kienu jintramaw f'Misraħ ir-Repubblika.



San Elija - Pittura ta' waħda mill-bandalori li kienu jintramaw f'Misraħ ir-Repubblika.

Kellu iżda kapaċità partikulari għall-mod kif ipitter irħam artifiċjali. B'dan il-mod huwa kien jgħin fl-irħamar ta' kolonni u ta' armar ieħor li kien iżejjen it-toroq tal-Isla fil-jiem tal-festa ta' Marija Bambina.

Kien hu li wettaq bosta xogħlijiet fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fl-Isla fis-snin tar-rikostruzzjoni tagħha wara l-ħerba tal-gwerra. Fost l-oħrajn, pitter mill-ġdid il-kwadru li juri l-10 Stazzjon tal-*Via Sagra* minħabba li dak oriġinali kien inqered fit-tifrik.

Fl-istess żmien, is-sagristija tal-istess bażilika ġiet iddekorata, iż-żewġ prospettivi ġew miżbugħa u rħamati u s-saqaf ta' din l-istess sagristija ġie ddekorat minnu fl-1957. Merfugħ fuq gwarniċa li ddur dawramejt mas-sagristija, dan is-saqaf hu maqsum fi tliet partijiet permezz ta' arkuni merfugħin fuq mensoli skolpiti. Fih, impittra b'kuluri monokromatiċi, hemm taqsimiet differenti dekorati b'rużuni, weraq tal-palm u skrolli, kif ukoll żewġ tpinġijiet kbar fin-nofs, waħda l-arma tal-Kolleġġjata u l-oħra l-arma tal-Belt Senglea. Hemm ukoll impinġijin sitt simboli Marjani: il-ġilju, ward aħmar, kewkba, ħamiema tal-paċi, fergħa tal-palm u fergħa tar-rand.

Fl-1954 ta daqqa t'id sewwa fir-restawr tal-flieli tal-koppla tal-knisja ta' Sidtna Marija tal-Porto Salvo, oriġinarjament impittra minn Lazzru Pisani fil-bidu tas-seklu għoxrin. Għamel ukoll xogħol ta' rħamar fit-tliet prospettivi fil-knisja filjali ta' San Ġiljan, fl-Isla wkoll.

Taħt id-direzzjoni tiegħu, fl-1969, kien sar restawr tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira tal-istess parroċċa.

Bniedem ta' karattru ferrieħi u dejjem dispost, meta fl-1976, bil-ħidma tal-Arċipriet il-Kanonku Dun Ġwann Sladden u l-ġenerożità tal-benefatturi, il-Kappella tas-Sagrament fil-Bażilika nksiet bl-irħam u ġiet iddekorata, hu ħa ħsieb il-pittura.

Fl-1963, bla ma jaf, seħħlu jkun parti strumentali fil-miraklu li wassal sabiex Dun Ġorġ Preca jiġi ddikjarat Beatu. Kien hu li għadda parti mil-lazz taż-żarbun li kien jilbes Dun Ġorġ Preca (li kien miet fis-26 ta' Lulju 1962) lis-Sur Charles Zammit Endrich li kien qed isofri minn distakk fir-retina. Kif ikkonfermat minn Dr. Ċensu Tabone, l-ispeċjalista tal-għajnejn (u aktar tard President ta' Malta) li kien se jopera lill-pazjent, li Charles mirakolożament fieq mill-kundizzjoni li kellu wara li talab l-interċessjoni ta' Dun Ġorġ.

Il-pittura tal-Madonna tal-Karmnu li ppreżenta missieri fis-sena 1984 ma kinetx l-unika biċċa xogħol li Carmelo Spiteri ħadem għaż-Żurrieq. Kelli nsir naf li kien hu dak li rħama b'ħila kbira t-trufej maestuż ta' Manwel Buhagiar u li ta' kull sena jsebbaħ Misraħ ir-Repubblika fil-jiem tal-festa. Kien hu wkoll li aktar tard pitter ix-xbihat tal-Qaddisin Karmelitani fuq il-bandalori li kienu jintramaw mal-istess trufej. Dawn il-bandalori bqajna ngawduhom sa tmiem is-snin disgħin meta mbagħad saru oħrajn ġodda b'pittura tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi (episodji mill-ħajja/dehriet tal-Madonna f'Misraħ ir-Repubblika) u n-neputi tiegħu Adonai Camilleri Cauchi (il-litanija tal-Madonna fi Triq Mons. P. P. Saydon). Missieri qalli li ladarba Karmnu kien għamel xogħol daqstant professjonali fit-trufej u fil-pittura tal-bandalori, ma kellu l-ebda għażla oħra għand min imur biex jikkummissjona l-pittura li xtaq jirregala lis-Soċjetà.

Carmelo Spiteri ħalla din id-dinja nhar is-27 ta' Frar 1993 u jinsab midfun fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija Addolorata, Raħal Ġdid (Taqsima Lvant MA, Kompartiment I, numru 12).

Jekk Kammu ħalliena, ħafna mill-arti tiegħu li tinsab imxerrda wkoll f'ħafna djar Maltin, ma ħallitniex u għadna ngawduha sal-lum. Jalla l-Madonna tal-Karmelu f'din ix-xbieha għażiża li rregala missieri, imqiegħda fl-uffiċċju tas-segretarju tal-każin, bħalma dejjem bierket il-ħidma tiegħu bħala segretarju, tibqa' tbierek lill-uffiċjali kollha preżenti tal-Kumitat Ċentrali fi ħdan l-Għaqda Karmelitana Banda Queen Victoria, Żurrieq li jersqu fih u li bil-ħidma sfiqa tagħhom lilha jagħtu ġieħ!

*N.B. Ħajr lis-Sur Fabian Mangion għall-għajnuna tiegħu.*